

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.9.2008
KUMM(2008) 592 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-Anness XII għar-Regolamenti tal-Persunal

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-Anness XII għar-Regolamenti tal-Persunal

1. BAŻI LEGALI

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jippreżenta lill-Kunsill valutazzjoni tal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO), kif hemm stabbilit fl-Artikolu 14 tal-Anness XII għar-Regolamenti tal-Persunal.

L-Artikolu 83 jistabbilixxi li l-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema ta' pensjonijiet għandhom jitnaqqsu mill-baġit tal-Komunitajiet, li l-Istati Membri għandhom jiggwarantixxu l-ħlas ta' tali benefiċċji b'mod konġunt b'konformità mal-iskala stabbilita għall-finanzjament ta' tali nfiq u li l-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz tal-ispejjeż ta' finanzjament ta' din l-iskema ta' pensjonijiet.

L-Artikolu 83 u l-Anness XII tar-Regolament tal-Persunal stabbilixxew ir-*regoli attwarjali* għall-komputazzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni sabiex jiġi ggarantit il-bilanċ tal-iskema tal-pensjonijiet.

2. KUNĊETTI BAŻIĊI TAL-PSEO (SKEMA TAL-PENSJONIJIET TAL-UFFIĊJALI EWROPEJ)

2.1. Bilanċ attwarjali tal-iskema tal-pensjonijiet

2.1.1. *Ir-Regolament tal-Persunal: il-prinċipju ta' bilanċ attwarjali*

Il-PSEO (Skema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej) issegwi l-prinċipju ta' bilanċ attwarjali. Il-kontribuzzjoni annwali mħallsa mill-persunal trid tkopri 1/3 tad-drittijiet li l-persunal ikun kiseb matul is-sena. Id-drittijiet miksuba matul is-sena huma l-pensjonijiet futuri li l-persunal se jikseb wara l-irtirar, kif ukoll l-intitolament (taħt ċerti kundizzjonijiet) għall-benefiċċju ta' invalidità, pensjoni għas-superstiti, u pensjoni tal-orfni. Fi kliem ieħor, il-kontribuzzjoni annwali hija maħsuba biex tiffinanzja terz tal-ispejjeż tas-servizz taħt l-iskema tal-pensjonijiet, jiġifieri sensiela ta' pagamenti li jinqalgħu fil-ġejjieni. Sabiex din il-komputazzjoni ssir possibbli s-sensiela ta' pagamenti għal aġenti taċ-ċivil Ewropej trid tiġi evalwata fil-valur attwali tagħha (b'użu ta' rata ta' tnaqqis). Għaldaqstant, il-komputazzjoni hija evalwazzjoni attwarjali.

F'termini tekniċi, il-metodu użat fil-komputazzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni huwa dak preskritt mill-istandard internazzjonali IAS19 u msejjaħ "kreditu unitarju mbassar". Is-somma tal-valuri attwarjali tad-drittijiet miksuba minn membri attivi tal-persunal, imsejjaħ "spejjeż tas-servizz" fil-prattika attwarjali, hija mqabbla mat-total annwali tas-salarji bażiċi tagħhom sabiex tinħadem ir-rata ta' kontribuzzjoni.

Jeħtieġ li jiġu adottati diversi ipotezjiet attwarjali biex jiġu evalwati l-ispejjeż tas-servizz bħalma huma r-rata tal-imgħax proprja, ir-rata tal-mortalità jew l-iskali tas-salarji. Il-valuri proprji ta' dawn l-ipotezjiet jistgħu jirriżultaw kemmxejn differenti mill-valuri previsti kif stmati fiż-żmien tal-komputazzjoni. Tali differenzi jistgħu jipproduċu żbilanċi annwali żgħar ħafna (pożittivi jew negattivi). Dawn l-iżbilanċi annwali teoretiċi u żgħar għandhom it-tendenza li jibbilanċjaw lil xulxin fuq perjodu fit-tul minħabba li l-valuri ta' ipoteżi attwarjali huma aġġustati perjodikament 'il fuq jew 'il isfel biex jingħata kas tal-valuri osservati li jikkorrispondu għalihom.

Il-kontribuzzjonijiet imħallsa matul is-sena attwali ma jgħux ikkalkolati sabiex ikopru l-pagamenti tal-pensjoni għas-sena attwali: huma jistgħu jkunu oġġla jew iktar baxxi. Il-prinċipju ta' bilanċ attwarjali jiggarrantixxi bilanċ fuq perjodu fit-tul, mhux bilanċ għal kull sena: dan huwa kunċett differenti minn bilanċ tal-likwidità ta' kull sena.

Il-PSEO hija fi stat ta' bilanċ jekk il-kontribuzzjonijiet annwali mħallsa mill-persunal ikopru terz tad-drittijiet miksuba matul is-sena, jgħifieri, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, 1.9% jew 2% tal-aħħar salarju bażiku qabel l-irtirar, fir-rigward tal-pensjoni tal-irtirar.

2.2. Kontribuzzjoni u benefiċċji tal-pensjoni

Il-Kapitolu 3 tat-Titolu V tar-Regolament tal-Persunal, li huwa żviluppat iktar fl-Anness VIII u l-Anness XIII, jistabbilixxi regoli għall-intitolament għal pensjoni jew benefiċċju ta' invalidità. L-Artikolu 83 jispeċifika li l-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz tal-ispejjeż tal-finanzjament tal-iskema tal-pensjonijiet. Il-kontribuzzjoni attwali tal-pensjoni għall-uffiċjali hija 10.25% tas-salarju bażiku.

Din ir-rata ta' kontribuzzjoni tista' tiżdied għal 10.9% mill-1 ta' Lulju 2008 skont ir-riżultat tal-kalkolu tal-2008 u hija soġġetta għal proposta mill-Kummissjoni u għal approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kalkolu tar-rata ta' kontribuzzjoni u tal-benefiċċji tal-pensjoni huwa bbażat fuq ċertu numru ta' parametri u preżunzjonijiet attwarjali. Uħud minn dawn huma mogħtija fid-dettall hawn taħt.

2.2.1. *Drittijiet għal pensjoni*

Id-drittijiet għal pensjoni huma drittijiet li l-uffiċjal jikseb sa l-età tal-irtirar. Id-drittijiet ta' pensjoni huma mfissra bħala perċentwal tas-salarju bażiku użat biex tiġi kkalkulata l-pensjoni. Id-drittijiet għal pensjoni jinkisbu kull sena mill-persunal bħala kontraparti għall-kontribuzzjoni tal-pensjoni, b'konformità mar-regoli li ġejjin tar-Regolament tal-Persunal¹.

B'konformità mal-Artikolu 77 tar-Regolament tal-Persunal, il-pensjoni massima tal-irtirar għandha tkun 70% tal-aħħar dħul tas-salarju bażiku fl-aħħar grad li l-uffiċjal kien ikklassifikat għal mill-inqas sena. 1.9% tas-salarju bażiku fl-età tal-irtirar għandu jiġi jitħallas lil uffiċjal għal kull sena ta' servizz ikkalkulat skont l-Artikolu 3 tal-Anness VIII.

¹ Hemm żewġ mezzji oħra ta' kif wieħed jista' jakkwista drittijiet għal pensjoni: trasferiment ta' drittijiet għal pensjoni minn skema oħra, jew xiri ta' drittijiet għal pensjoni.

Minkejja t-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 77, l-uffiċjali li daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikunu intitolati għal 2% tas-salarju li hemm referenza għalih fuq għal kull sena ta' servizz pensjonabbli kkalkulat skont l-Artikolu 3 tal-Anness VIII.

In-numru massimu ta' snin ta' servizz pensjonabbli li jista' jitqies għall-kalkolazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni tal-irtirar għandu jkun in-numru neċessarju biex tinkiseb il-pensjoni massima, skont it-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolament tal-Persunal (l-Artikolu 2 tal-Anness VIII għar-Regolament tal-Persunal).

Fil-qosor, is-servizz pensjonabbli li huwa meħtieġ biex tinkiseb il-pensjoni massima tal-irtirar (70% tas-salarju bażiku) huwa 35 sena (uffiċjali "anzjani") jew 36.84 sena (uffiċjali "għodda").

2.2.2. *Benefiċċji tal-pensjoni*

Il-benefiċċji tal-pensjoni huma ugwali għad-drittijiet tal-pensjoni mmultiplikati bis-salarju bażiku fl-età tal-irtirar. Il-benefiċjarji ta' benefiċċju tal-invalidità għandhom ikunu ħaddiema rtirati awtomatikament fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih l-awtorità li tinnominahom tagħraf inkapaċità permanenti biex iwettqu dmirijiethom (l-Artikolu 53 tar-Regolament tal-Persunal). Pensjonijiet ta' riverżjoni u tas-superstiti huma bbażati fuq il-pensjoni tal-irtirar u huma kalkolati skont il-Kapitolu 4 tal-Anness VIII għar-Regolament tal-Persunal.

2.2.3. *Età tal-irtirar*

Ir-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxu li l-età normali tal-irtirar għall-uffiċjali hija 63 sena, imma l-Anness XIII jipprovdni għal perjodu tranżizzjonali. Madankollu, fil-komputazzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni jeħtieġ li tiġi stmata dik li tissejjaħ l-età preżunta tal-irtirar. B'mod ġenerali, il-persunal jirtira f'it wara l-età minima tal-irtirar. Għall-kalkolazzjoni jintużaw tabelli differenti, skont id-data ta' meta huma saru parti mill-persunal tal-UE.

3. **PROCĊEDURA GĦAR-RAPPORT DWAR L-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET**

3.1. **Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83**

Mistoqsijiet tekniċi li joħorġu mill-implementazzjoni tal-Anness XII huma trattati mill-Eurostat f'koperazzjoni ma' esperti nazzjonali mid-dipartimenti rilevanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 iltaqa' kull sena kif mitlub mir-Regolamenti tal-Persunal. Il-laqgħat saru fil-Lussemburgu fis-7 ta' Ġunju 2004, fit-8 ta' Ġunju 2005, fid-19 ta' Ġunju 2006, fis-26 ta' Ġunju 2007 u fis-27 ta' Ġunju 2008.

Il-grupp iddiskuta d-dokumenti metodoloġiċi mfassla mill-Eurostat. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 irċieva d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex jivvalida x-xogħol imwettaq mill-Eurostat. Id-dokumenti mqasma lill-Grupp ta' Ħidma pprovdew id-dettalji kollha neċessarji. Id-dokumentazzjoni tinżamm disponibbli f'CIRCA (il-websajt tal-Eurostat), li l-membri tal-Grupp ta' Ħidma għandhom aċċess

għaliha. Il-Grupp ta' Ħidma jagħmel suġġerimenti jew jitlob spjegazzjonijiet. Dejjem kien hemm qbil fuq id-deċiżjonijiet.

L-Eurostat jagħmel ukoll skambju ta' informazzjoni relevanti dwar kwistjonijiet attwarjali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-JPAS (it-Taqsima Amministrattiva tal-Pensjonijiet Konġunta tal-Organizzazzjonijiet Koordinati, li jinkludu l-OECD, in-NATO, l-ESA, il-Kunsill tal-Ewropa, in-NAMSA u oħrajn), l-EPO (l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi) u Eurocontrol.

3.2. Espert kwalifikat indipendenti

Kif previst fl-Artikolu 13(4) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Eurostat hija megħjuna minn espert kwalifikat indipendenti (Ernst & Young Actuaire-Conseils, 11, allée de l'Arche, 92037 Paris La Défense cedex) fir-rigward tal-implementazzjoni metodoloġika u tad-definizzjoni u l-kalkolazzjoni tal-preżunzjonijiet attwarjali li jikkorrispondu.

Fir-rigward tal-preżunzjonijiet attwarjali, Ernst & Young Actuaire-Conseils wettqu investigazzjonijiet sabiex jiżguraw li d-dejta bażi pprovduta mill-Eurostat intużat b'mod korrett.

Rapporti minn E & Y (disponibbli fuq CIRCA) ivvalidaw ir-rati tal-kontribuzzjoni mill-Eurostat. F'diversi okkażjonijiet huma għamlu rimarki li l-Eurostat tat kas tagħhom fejn possibbli.

4. PARAMETRI U PREŻUNZJONIJIET ATTWARJI

4.1. Varjabbli prinċipali

4.1.1. Parametri statutarji

Dawn huma valuri prinċipalment marbuta mal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal. Dawn il-valuri jinbidlu skont ċerti kundizzjonijiet relatati mas-sitwazzjoni individwali ta' kull uffiċjal (eż. ir-rata annwali tad-dovuti hija ta' 1.9% għal persunal reklutat mill-1 ta' Mejju 2004 u 2% għal dawk reklutati qabel din id-data). Dawn il-valuri jistgħu jiġu stabbiliti b'mod ċar.

4.1.2. Preżunzjonijiet attwarjali

Dawn huma valuri li mhumieq magħrufa u ma jistgħux jiġu stabbiliti b'mod eżatt. Il-preżunzjonijiet attwarjali prinċipali huma t-tabelli tal-mortalità u tal-invalidità, it-tabella tal-ISP (progressjoni fis-salarju tal-individwu), il-probabbiltà li wieħed ikun miżżewweġ fid-data tal-irtirar, il-koeffiċjenti għal orfni u konjuġi divorzjati, eċċ. Il-valuri ta' dawn il-preżunzjonijiet attwarjali ġew stmati skont prattiċi attwarjali ġenerali u ġew diskussi ma' esperti nazzjonali mid-dipartimenti relevanti tal-Istati Membri fil-laqgħat annwali tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83.

4.1.3. Parametri ekonomiċi

Kif previst fl-Artikoli 10 u 11 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-Rata ta' Skont Reali Skont (RDR) u t-Tkabbir Ġenerali fis-Salarji (GSG) huma ikkalkolati bħala l-medja tar-rati korrespondenti għat-tnax-il sena preċedenti.

Fl-aġġornament tal-2008, il-valur tal-RDR huwa ta' **3.1%** meta mqabbel ma 3.4% fil-valutazzjoni attwarjali tal-2007. Il-GSG kien ta' **0.4%** minflok ta' 0.5% fl-2007. Flimkien mal-effett ta' bidliet fi preżunzjonijiet attwarjali oħrajn, dawn il-bidliet jispjegaw ir-raġuni l-għala r-rata ta' pensjoni kalkolata tiżdied għal 10.9%.

4.1.4. Parametri demografiċi

Il-popolazzjoni osservata hija magħmula minn membri kontribwenti tal-PSEO li jinkludu:

- uffiċjali attivi kif ukoll uffiċjali fuq lif tal-ġenituri,
- membri li l-kontribuzzjoni tal-pensjoni tagħhom mhijiex obligatorja (eż. uffiċjali li jkunu hađu lif għal raġunijiet personali),
- invalidi li jirċievu benefiċċju għall-invalidità skont l-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal,
- benefiċjarji ta' benefiċċju għat-tmiem tas-servizz.

Fil-31 ta' Diċembru 2007, kienu hemm **47 596** membru kontribwenti reġistrat, li jirrappreżenta żieda netta ta' **2 643** parteċipant meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Din iż-żieda sinifikanti fil-popolazzjoni hija spjegata prinċipalment mir-reklutaġġ ta' aġenti fuq kuntratt (kategorija ġdida tal-popolazzjoni definita fil-Kondizzjonijiet tal-Impjiegi ta' Aġenti Oħrajn) u uffiċjali u aġenti temporanji mill-Istati Membri ġodda.

Kien hemm 7 037 aġent fuq kuntratt fost il-membri kontribwenti fil-31 ta' Diċembru 2007, meta mqabbla ma' 6 404 fil-31 ta' Diċembru 2006, li jirrappreżentaw żieda ta' 9.88%. Il-parti l-kbira ta' dawn il-membri kontribwenti ġodda qiegħdin jissostitwixxu l-persunal awżiljarju (kategorija preċedenti tal-persunal li ma tikkontribwixxix).

4.2. Sommarju tal-parametri prinċipali użati fl-aħħar valutazzjoni tal-pensjoni

It-tabelli li ġejjin juru l-valuri tal-parametri u l-preżunzjonijiet attwarjali prinċipali. Jekk jogħġbok innota li dawn it-tabelli jippreżentaw biss ħarsa ġenerali tal-varjazzjonijiet prinċipali u mhumiex eżawrjenti. Jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal għal informazzjoni preċiża u sħiħa.

Parametri statutorji użati fl-evalwazzjoni attwarjali

Parametru	Valur
Sors legali	Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004
Data ta' referenza għall-popolazzjoni (Anness XII Artikolu 1)	31.12.2007
Età massima tal-irtirar uffiċjali (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 52)	65 (67 fuq bażi eċċezzjonali)
Età massima tal-irtirar uffiċjali (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 52)	63 jew qabel għal uffiċjali fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004
Età minima għall-irtirar bikri (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 52, Anness VIII Artikolu 9 u Anness XIII Artikolu 23))	55 jew qabel għal uffiċjali fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004
Kategorija u grad għall-ammont minimu ta' sussistenza (Anness VIII Artikolu 6)	I-ewwel stadju ta' grad 1
Pensjoni massima tal-irtirar (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 77)	70% tas-salarju bażiku fl-età tal-irtirar
Rata ta' dovuti annwali (Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u Artikolu 21 tal-Anness XIII)	1.9% jrew 2% għal uffiċjali reklutati qabel l-01.05.2004
Bonus għal uffiċjali fis-servizz wara l-età normali tal-irtirar (Anness VIII Artikolu 5 u Anness XIII Artikolu 22)	Inċentiv ta' Barċellona
Pensjoni minima tal-irtirar (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 77)	4% tal-ammont minimu ta' sussistenza kull sena tas-servizz
Benefiċċju għall-invalidità (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 78)	70% tas-salarju bażiku
Benefiċċju minimu għall-invalidità (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 78)	100% tal-ammont minimu ta' sussistenza
Pensjoni reviżjonarja (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 79 u Anness VIII Artikolu 18)	60% tal-pensjoni ta' irtirar
Pensjoni minima reviżjonarja (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 79 u Anness VIII Artikolu 18)	35% tal-aħħar salarju bażiku
Pensjoni għas-superstiti (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 79 u Anness VIII Artikolu 17)	65% tal-pensjoni ta' irtirar li kienet tkun pagabbli lill-uffiċjal
Pensjoni minima għas-superstiti (Regolamenti tal-Persunal Artikolu 79)	35% tal-aħħar salarju bażiku jew ammont minimu ta' sussistenza

Preżunzjonijiet attwarjali²

² 2008 Valutazzjoni.

Preżunzjoni attwarjali	Valur
Medja tad-differenza fl-età bejn l-irġiel u n-nisa miżżewġin	3 snin
Probabbiltà li wieħed ikun miżżewwieg fl-età tal-irtirar għall-irġiel	84%
Probabbiltà li waħda tkun miżżewwġa fl-età tal-irtirar għan-nisa	38%
Stat ċivili	stat fid-data ta' evalwazzjoni
Koeffiċjent għall-pensjoni tal-orfni u tal-persuni divorzjati	10%
Koeffiċjent tal-Anness VIII (koeffiċjent ta' korrezzjoni)	0.0%
Età preżunta tal-irtirar	63 sa 64
Rata reali ta' skont (RDR)	3.1% (ara l-punt 2)
Żieda ġenerali fis-salarji (GSG)	0.4% (ara l-punt 3)
Evalwazzjoni ġenerali mill-ġdid tal-pensjonijiet (GPR)	0.4% (ugwali għall-GSG)
Progressjoni individwali tas-salarji (ISP)	tabella tal-ISP 2008
Tabella tal-mortalità (persuni f'saħħithom)	ICSLT 2008
Tabella tal-mortalità (invalidi)	Rata ta' mortalità li tikkorrispondi għal persuna 3 snin ixejth minn persuna f'saħħitha
Tabella tal-invalidità	Tabella tal-UE tal-invalidità għall-2008

5. RIŻULTATI: EVOLUZZJONI TAR-RATA TA' KONTRIBUZZJONI TAL-PENSJONI

5.1. Evoluzzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni għall-pensjonijiet

Kontribuzzjoni tal-pensjoni skont is-sena

Items	Valutazzjonijiet tal-pensjoni				
	2004	2005	2006	2007	2008
	Data ta' referenza				
	31/12/2003	31/12/2004	31/12/2005	31/12/2006	31/12/2007
Spiża tas-servizz għall-irtirar	25.9%	25.4%	25.9%	26.9%	29.6%
Spiża tas-servizz għall-invalidità	3.8%	3.8%	3.7%	2.3%	2.2%
Spiża tas-servizz għall-mewt	1.6%	1.6%	1.6%	1.7%	1.0%
Proporzjon servizz spiża / BS	31.29%	30.8%	31.2%	30.9%	32.8%
Rata ta' kontribuzzjoni tal-uffiċjali (1/3 tal-proporzjon totali)	10.4%	10.3%	10.4%	10.3%	10.9%
Rata ta' kontribuzzjoni applikata għall-uffiċjali	9.75%	10.25%	10.25%	10.25%	10.90%

Matul il-perjodu 2004-2008, sabiex jiġi ggarantit il-bilanċ tal-iskema, ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni ġiet ikkalkolata bħala 1/3 tal-proporzjon bejn it-total tal-ispejjeż tas-servizz u t-total tas-salarji bażiċi annwali.

5.2. **Riżultati tal-aħħar valutazzjoni tal-pensjoni**

Ir-rata tal-kontribuzzjoni ikkalkolata indikata hawn fuq (10.9%) hija terz tal-proporzjon bejn it-total tal-ispejjeż tas-servizz (€1 002 miljun) u t-total tas-salarji bażiċi annwali (€3 056 miljun). Din ir-rata hija *ogħla* (+0.6%) minn dik ikkalkolata fl-2007 (10.3%)

Il-valutazzjoni attwarjali provviżorja tal-2008 tal-Iskema tal-Pensjonijiet ta' Uffiċjali Ewropej (PSEO) tindika li, sabiex il-bilanċ ta' din l-iskema ta' pensjonijiet jiġi żgurat, ir-rata ta' kontribuzzjoni neċessarja biex tiffinanza terz tal-benefiċċji pagabbli trid tkun **10.9%** tas-salarju bażiku (jew tal-benefiċċju għall-invalidità).

Skont l-Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn jintwera li hemm differenza ta' mill-inqas 0.25 punti bejn ir-rata ta' kontribuzzjoni attwalment applikata (10.25%) u r-rata meħtieġa biex jinżamm bilanċ attwarjali (**10.9%**), il-Kunsill għandu jikkunsidra jekk ir-rata għandhiex tiġi adatta, skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Anness XII.

Skont l-Artikolu 2(2) tal-Anness XII, l-aġġustament b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008 m'għandux iwassal għal kontribuzzjoni li tkun iktar minn punt ta' perċentwal wieħed 'il fuq jew 'l isfel mir-rata applikata tas-sena preċedenti (10.25%).

Konsegwentament, sabiex jiġi żgurat il-bilanċ tal-iskema tal-pensjonijiet, ir-rata ta' kontribuzzjoni li ġejja għandha tkun applikata mill-1 ta' Lulju 2008: **10.9%**

6. **BILANĊ TAL-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET**

Kif spjegat fil-parti 2.1.2 ta' dan ir-rapport, il-PSEO tkun f'bilanċ jekk il-kontribuzzjonijiet annwali mħallsa mill-persunal ikopru terz tad-drittijiet miksuba matul is-sena, jiġifieri, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward ta' pensjoni tal-irtirar, 1.9% jew 2% tal-aħħar salarju bażiku qabel l-irtirar. Minħabba li r-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni hija ikkalkolata biex tiggarrantixxi li l-iskema tkun f'bilanċ, l-iskema tkun f'bilanċ meta tiġi applikata ir-rata kalkolata.


Matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport indikat fl-Artikolu 14 tal-Anness XII għar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni ssuġġeriet u l-Kunsill adotta r-rata kalkolata ta' kontribuzzjoni tal-Eurostat wara li ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal:

- Artikolu 2(1) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal (kwalunkwe aġġustament m'għandux iwassal biex xi kontribuzzjoni tkun iktar minn punt ta' perċentwal wieħed 'il fuq jew 'l isfel mir-rata valida tas-sena ta' qabel);
- Artikolu 2(2) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal (kwalunkwe aġġustament li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004 m'għandux iwassal biex xi kontribuzzjoni tkun ogħla minn 9.75% u l-aġġustament li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2005 m'għandux iwassal biex xi kontribuzzjoni tkun ogħla minn 10.25%);
- Artikolu 83(4) tar-Regolamenti tal-Persunal (l-adozzjoni tar-rata għandha tiġi kkunsidrata jekk hemm differenza ta' mill-inqas 0.25 punti bejn ir-rata ta'

kontribuzzjoni attwalment applikata u r-rata meħtieġa biex jinżamm bilanċ attwarjali)

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor ir-rati ta' kontribuzzjoni ikkalkolati u applikati:

Sommarju tar-rati ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni ikkalkolati u applikati



Iċ-ċart turi li r-rata applikata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni kienet viċin ħafna għal dik kalkolata mill-Eurostat. Jekk jogħġbok innota li differenzi żgħir bejn ir-rati dovuti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi;

Għaldaqstant, il-metodu issodisfa l-għan speċifiku tiegħu li jiggarrantixxi li l-kontribuzzjoni tal-pensjoni m'ħallas mill-persunal lill-baġit tkopri terz tal-ispejjeż skont l-iskema tal-pensjonijiet, kif speċifikat fl-Artikolu 1(1) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, u, għalhekk, l-iskema hija f'bilanċ.

7. PROBLEMI FFAĊĊJALI, SOLUZZJONIJIET U XOGĦOL ULTERJURI

7.1. ISP

Normalment, meta jiġu ikkalkolati preżunzjonijiet attwarjali (eż. tabelli tal-ħajja, GSG) jintużaw osservazzjonijiet tal-passat. Dan ma kienx il-każ fl-2004 meta kienet qiegħda tiġi definita l-ISP (Progressjoni Individwali tas-Salarji). Ir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda li daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004 ħolqu kategorija ġdida ta' persunal (aġenti fuq kuntratt) u introduċew bidliet kbar fir-regoli dwar skala tas-salarju u promozzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' uffiċjali u aġenti temporanji. Dawn il-bidliet kollha wasslu biex l-użu ta' osservazzjonijiet tal-passat dwar progressjoni individwali tas-salarji ma jkunux prattikabbli għad-definizzjoni ta' din il-preżunzjoni.

Fl-2004-2005, il-metodu kien ibbażat fuq rati ta' promozzjoni indikattivi bl-użu tat-Tabella B fl-Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal. Għall-valutazzjoni tal-2006, metodu ġdid kien ippreżentat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83. Dan il-metodu huwa bbażat fuq medja li tiċċaqlaq tar-rata ta' promozzjoni indikattiva u tar-rata ta' promozzjoni osservata (b'effett mill-2005) skont il-kategorija tal-persunal, il-grad, il-fażi u s-snin għall-irtirar sa massimu ta' tnaħ-til sena ta' osservazzjonijiet. Dan l-istess perjodu ta' osservazzjonijiet jintuża biex jiġu ikkalkolati r-rati tal-RDR u GSG.

Soluzzjoni proposta:

Qiegħed jiġi propost li dan il-metodu jitkompla jintuża. Dan il-metodu jkompli jqis dejjem iktar il-promozzjonijiet osservati hekk kif l-importanza tagħhom fil-medja tkompli tikber dejjem iżjed meta mqabbla mar-rati ta' promozzjoni indikattivi. L-ISP ikkalkolata b'dan il-mod tqis b'mod sħiħ iż-żieda gradata tal-persunal matul il-karriera tagħhom. Jista' jiġi previst xi titjib fil-metodu attwali jekk ikun hemm bżonn, bi qbil ma' esperti nazzjonali tal-Istati Membri.

7.2. Invalidità

Fil-valutazzjoni tal-2008 tal-iskema tal-pensjonijiet intużat tabella ġdida tal-invalidità (tabella tal-invalidità tal-UE 2008). Kif spjegat hawn fuq, intużaw biss erba' snin ta' osservazzjonijiet ta' invalidità (2004, 2005, 2006 u 2007) biex jiġu stmati r-rati ta' invalidità fil-kuntest tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda li daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004 (ingħata kas tal-benefiċjarji ta' benefiċċji għall-invalidità). Din it-tabella l-ġdida tal-invalidità ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 tas-27 ta' Ġunju 2008.

Dan il-perjodu qasir ta' osservazzjoni biex jiġu stmati r-rati ta' invalidità ma jwassalx għal sett ta' stimi eżatti daqs li kieku kien iwassal perjodu itwal. Konsegwentament, fil-futur jistgħu jkunu neċessarji aġġornamenti tar-rati tal-invalidità. Dan l-approċċ huwa appoġġat mill-espert indipendenti.

Soluzzjoni proposta:

Li l-invalidità tkompli tiġi osservata kull sena u li jiġu ikkalkolati r-rati ta' invalidità abbażi ta' medja li tiċċaqlaq tal-osservazzjonijiet disponibbli sa massimu ta' tnaħ-til sena ta' osservazzjonijiet (l-istess perjodu ta' osservazzjoni jintuża biex jiġu ikkalkolati r-rati tal-RDR u l-GSG).

7.3. Tabella tal-ħajja

Intużat l-istess tabella tal-ħajja (tabella tal-ħajja tal-UE tal-2004) bħal dik fil-valutazzjoni tal-pensjoni tal-2004. Ir-rata reali tal-mortalità fil-perjodu 2004-2007 ġiet analizzata u mqabbla mal-mortalità mistennija skont it-tabella tal-ħajja tal-UE tal-2004. Ir-risultat ta' din l-analiżi huwa li t-tabella tal-ħajja tal-UE tal-2004 tagħmel stima eċċessiva għall-mortalità fl-etajiet ta' 30 sa 69 u tagħmel stima nieqsa għall-mortalità fl-etajiet ixejħ minn 70 sena.

L-Eurostat u t-Taqsima Amministrattiva tal-Pensjonijiet Konġunta tas-sitt Organizzazzjonijiet Koordinati niedew proġett komuni li għandu l-għan li jħejji tabella tal-ħajja komuni ibbażata fuq popolazzjoni kbira ta' aġenti taċ-ċivil stabbiliti fl-Ewropa: l-ICSLT 2008 (Tabella tal-ħajja tal-Aġenti taċ-ċivil Internazzjonali). Din

it-tabella tal-ħajja għandha tintuża f'kalkoli attwarjali li għandhom x'jaqsmu mal-iskemi tal-pensjonijiet ta' dawn l-aġenti taċ-ċivil. Din it-tabella tal-ħajja għet iċċertifikata minn espert attwarjali estern li rrakkomanda wkoll l-aġġornament regolari tat-tabelli tal-ħajja. Din intużat fil-kalkolu tal-2008.

Soluzzjoni proposta:

Li tintuża t-tabella tal-ħajja ICSLT tal-2008 minflok it-tabella tal-ħajja tal-UE tal-2004.

7.4. Rata ta' skont

Il-Eurostat iltaqa' ma' diffikultajiet biex jikseb ir-rati ta' imgħax tal-2005 u l-2006 biex tintuża għall-valutazzjoni tal-pensjonijiet. L-oriġini tal-problema, kif spjegat hawn fuq, kienet li l-kurva ta' rendiment mingħajr kupun tal-euro b'maturità ta' 21 sena ma baqgħetx tiġi prodotta mill-Kummissjoni minħabba li l-produzzjoni tal-kurvi ta' rendiment mingħajr kupun tal-euro kollha għet trasferita lill-BĊE (Bank Ċentrali Ewropew). Minħabba li l-BĊE għadu ma pproduċiex il-kurva ta' rendiment mingħajr kupun tal-euro b'maturità ta' 21 sena, il-Eurostat għamel stima tar-rati tal-2005 u l-2006 billi uża bħala input il-livell ta' tqabbil tar-redditu tal-gvern tat-tletin sena taż-żona euro kif maħruġ mill-BĊE u b'aġġustament tar-rati għal 21 sena ta' maturità.

Il-BĊE implementa l-kurva tar-redditu tal-euro fis-sajf tal-2007 u l-Eurostat qassam ukoll dejta "ta' kuljum" għall-maturitajiet minn 1 sa 30 sena minn dak iż-żmien. Barra minn hekk, dejta annwali tal-2007 saret disponibbli fuq il-websajt tal-Eurostat minn Jannar tal-2008.

Ir-rata nominali annwali tal-2007 għal maturità ta' 21 sena għall-bonds tal-gvern mingħajr kupun hija ta' 4.5% (ir-rata reali hija 2.2%). Konsegwentament, il-medja li tiċċaqlaq (1996-2007) tar-rata reali li ntużat fil-valutazzjoni provviżorja tal-pensjoni tal-2008 hija ta' 3.1%.

Soluzzjoni proposta:

L-Artikolu 10 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persuna jagħti l-qafas għad-determinazzjoni tar-rata tal-imgħax: "*1. Ir-rati ta' imgħax li għandhom jitqiesu għal kalkoli attwarjali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja osservata tar-rati annwali tal-imgħax fuq id-dejn pubbliku tal-Istati Membri fuq perjodu twil...*". Hekk kif għet solvuta l-problema ta' disponibbiltà tad-dejta (il-BĊE issa jipproduċi l-kurva ta' rendiment mingħajr kupun tal-euro b'maturità ta' 21 sena), l-Eurostat se jkompli jużaha f'kalkoli attwarjali. Għalhekk, ir-rata nominali msemmija hawn fuq ta' 4.5% se tintuża fil-valutazzjoni tal-pensjonijiet tal-2008.


8. IMPATT BAĠITARJU TAL-ISKEMA KOMUNITARJA TAL-PENSJONIJIET

Kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali jħallsu terz tal-ispejjeż tal-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet. Skont l-ewwel paragrafu tal-istess Artikolu, il-benefiċċji mħallsa skont din l-iskema ta' pensjonijiet għandhom jitnaqqsu mill-baġit tal-Komunitajiet. L-Istati Membri jiggarrantixxu flimkien il-ħlas ta' tali benefiċċji.

Kif spjegat hawn fuq, il-kontribuzzjonijiet imħallsa matul is-sena attwali mhumiex ikkalkolati biex ikopru l-ħlas ta' pensjonijiet u benefiċċji oħra għas-sena attwali. Il-prinċipju ta' bilanċ attwarjali jiggaranixxi bilanċ fuq perjodu twil, u mhux bilanċ sena, sena. Dan ifisser li r-rata ta' kontribuzzjoni hija bbażata fuq il-pagamenti li għandhom isiru fil-futur meta jirtiraw l-aġenti kontributori taċ-ċivil. Ir-rata mhijiex marbuta jew influwenzata mill-infiq baġitarju attwali biex jiġu iffinanzjati l-pensjonijiet ta' aġenti taċ-ċivil irtirati.

Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni jiffinanzjaw terz tal-obbligu fil-ġejjieni. Il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lill-baġit Komunitarju bħala dħul. L-obbligu totali huwa kopert mill-Istati Membri fil-mument tal-ħlas.

Iċ-ċart t'hawn taħt turi l-impatt tar-rati ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni li qiegħdin jiżdiedu u tan-numru li qiegħed jiżdied tal-membri kontributori. **Id-dħul miġbur mill-kontribuzzjoni tal-pensjoni iktar milli rdoppja** matul il-perjodu muri (2000-2007) minn 154 miljun euro fl-2000 għal 340 miljun euro fl-2007.



Din iż-żieda hija prinċipalment determinata minn:

- ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni li qiegħda tiżdied (minn 8.25% fl-2000 għal 10.25% fl-2005, l-2006 u l-2007);
- in-numru li qiegħed jiżdied tal-membri kontributori tal-iskema tal-pensjonijiet (eż. minn 34 511 fl-2004 sa 47 297 fl-2007).

9. KONKLUŻJONIJIET

Dan il-metodu ssodisfa l-għan speċifiku tiegħu li jiggarrantixxi li l-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet hija f'bilanċ, hekk kif il-kontribuzzjoni tal-pensjoni mħallsa mill-persunal għall-baġit tkopri terz tad-drittijiet miksuba kull sena minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

- ir-rata tal-kontribuzzjoni ikkalkolata mill-Eurostat kopriet terz tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'dik is-sena;
- ir-rata tal-kontribuzzjoni ikkalkolata ġiet ivvalidata minn espert ikkwalifikat indipendenti;
- ir-rata tal-kontribuzzjoni applikata kienet viċin ħafna ta' dik ikkalkolata;

- differenzi żgħar bejn ir-rati ikkalkolati u applikati kienu dovuti għal dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal. Minħabba li dawn id-differenzi jistgħu jkunu pożittivi kif ukoll negattivi, huma għandhom it-tendenza li jibbilanċjaw lil xulxin fuq perjodu fit-tul.

Id-dħul baġitarju mill-kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet żdied b'konsegwenza taż-żidiet fir-rata ta' kontribuzzjoni u fin-numru ta' membri kontribwenti.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Iskema tal-Pensjonijiet ta' Uffiċjali Ewropej hija f'bilanċ. Il-kwistjonijiet problematiċi ġew indirizzati mingħajr l-inklużjoni ta' reviżjoni tal-Anness XII. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li ma hemm bżonn ta' ebda modifika tar-Regolamenti tal-Persunal.